MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 226/2013

**S.I.T. Special Interest Travel Limited [C3754]**

**vs**

**MaltaTicket.com Limited [C41085]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Awwissu 2013, permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmintax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€6,418.47) rapprezentanti hlas bil-quddiem maghmul minnha lis-socjeta' konvenuta in linja ta' prezz ta' biljetti in konnessjoni ma' visti f'muzewijiet ghat-turisti u liema biljetti s-socjeta' konvenuta baqghet qatt ma kkonsenjat lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment u bl-imghax kummercjali dekorribbli mill-1 ta' Jannar 2013 sal-jum tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti gudizzjarji tas-socjeta' konvenuta.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta li giet prezentata fil-11 ta' Ottubru 2013 fejn eccepiet:

1. *"Illi fl-ewwel lok dina l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna stante li bejn il-partijiet jezisti ftehim (Dok. A) li fi Klawsola tmienja (8), ir-raba' (4) punt tieghu jipprovdi li kull kwistjoni dwar interpretazzjoni tal-ftehim ghandha tigi rizolta mic-Centru Malti ta' l-Arbitragg. Kif ghandu jirrizulta, it-talbiet tas-socjeta' attrici ha jkunu jehtiegu interpretazzjoni ta' klawsola erbgha (4) tal-ftehim imsemmi, u huwa propju ghalhekk li dina l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti dwar din il-materja.*
2. *Illi fit-tieni lok, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dak li qed titlob is-socjeta' attrici mhuwiex permessibbli stante li dak li qed titlob l-istess socjeta' huwa li tiehu lura flus li hija stess poggiet a dispozizzjoni tas-socjeta' esponenti sabiex dawn il-flus jintuzaw ghall-bejgh ta' biljetti. Skond klawsola erbgha (4) tal-kuntratt appena msemmi, is-socjeta' attrici mhix*

*permessa tigbed lura flus minn dawk li tkun poggiet fil-fond hemm imsemmi, u tista' titlob lura biss biljetti. F'dan ir-rigward ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici hija barra minn lokha.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-bqija t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati fil-kors tal-kawza."*

**Dr David Pollina** xehed nhar is-26 ta' Frar 2014 bil-lingwa Ingliza tradotta ghall-lingwa Maltija mill-Qorti u muri l-ftehim esebit fl-atti tal-kawza mmarkat bhala Dok A a fol. 8 ikkonferma li dan kien il-ftehim li rabat il-kontendenti. Ikkonferma li s-socjeta' konvenuta hija is-socjeta' tieghu u gharaf il-firma tieghu a fol 9 tal-process. Qal li huwa jokkupa il-kariga ta' CEO Managing Director tas-socjeta' konvenuta u spjega li din is-socjeta' toffri servizzi lis-socjeta' attrici.

Spjega li l-hlas isir tramite sistema ta' kont top-up simili hafna ghas-sistema li tintuza bit-top up cards tal-telefons cellulari u din is-sistema ta' hlas hi koperta b'dan l-istess ftehim, partikolarment il-klawsola numru 4 imsejha '*payments account*'. Spjega li f'kaz li kien hemm dizgwid bejn il-partijiet il-ftehim jipprovdi ghal zewg tipi ta' litigju, wiehed li jinvolvi ksur tal-ftehim u l-iehor jinvolvi kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-ftehim. Il-klawsola numru 8 imsejha 'General Provisions', u appuntu il-punt erbgha jipprovdi li kwistjonijiet dwar dizgwid dwar interpretazzjoni tal-ftehim ghandhom imorru quddiem ic-Centru ta' Arbitragg Malti, waqt li l-punt hamsa jipprovdi li f'kaz ta' proceduri legali fuq ksur tal-ftehim il-partijiet ghandhom jirrikorru lejn il-Qorti ta' Malta. Spjega li fil-kaz odjern il-kwistjoni hija wahda dwar ksur tal-ftehim. Is-socjeta' attrici tixtieq tirtira flus mis-sistema tat-top-up u fil-ftehim ma hemm xejn dwar din il-facilita' u hu appuntu ghalhekk li hija l-Qorti li ghandu jkollha l-gurisdizzjoni li tisma' dan il-kaz.

Illi semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u cioe' li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza tisma' din il-kawza stante li bejn il-partijiet hemm ftehim (Dok A) u l-klawsola numru 8 (8), ir-raba (4) punt jipprovdi li f'kaz ta' kwistjoni ta' intepretazzjoni tal-ftehim tali kwistjoni ghandha tigi rizolta mic-Centu Malti ghall-Arbitragg.

Rat illi l-avukati difensuri tal-partjiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq din l-ewwel ecezzjoni ta' natura preliminari.

**Ikkunsidrat:**

Illi jinghad li waqt li s-socjeta' attrici fit-talba taghha promotrici qed titlob lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsha s-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmintax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€6,418.47) rapprezentanti hlas bil-quddiem maghmul minnha lis-socjeta' konvenuta in linea ta' prezz ta' biljetti in konessjoni ma' viziti f'muzewijiet ghat-turisti liema biljetti baqghet qatt ma kkonsenjat lilha, is-socjeta' attrici qed tghid li l-Qorti Maltija ghandha gurisdizzjoni ghaliex it-talba taghha taqa' taht il-hames (5) punt tal-klawsola numru 8 li tipprovdi s-segwenti:

*"If legal action is needed to enforce this Agreement, or in cases of breach hereof, it may only be brought in the courts of Malta, the prevailing party will be entitled to recover costs."*

Is-socjeta' konvenuta minn naha taghha qed tghid li sabiex din il-Qorti tasal biex tara jekk is-socjeta' konventua hix debitrici tas-socjeta' attrici, dina ghandha taghrbel u tanalizza il-ftehim ezistenti bejn il-partijiet u l-kundanna semmai, jekk tirrizulta, sejra tirrizulta biss minn interpretazzjoni tal-ftehim u ghalhekk huwa ir-raba' (4) punt tal-klawsola 8 li tipprevali u li jistipula is-segwenti:

"T*he parties consent to submit any and all disputes as to interpretation of this Agreement to the Malta Arbitration Centre to be resolved according to their regulations*."

In linea generali l-**Art 742 tal-Kap 12** jirregola l-gurisdizzjoni tal-qrati taghna. Meta d-disposizzjoni kienet emendata bl-**Artikolu 283 tal-Att XXIV tal-1995** kienu introdotti inter alia s-subincizi (3) u (4) li jaqraw hekk:

(3) *Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta` arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta` arbitragg ikunu nbdew jew le, f`liema kaz il-qorti, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta` kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf il-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u ghas-setgha li ghandha l-qorti li taghti kull ordni jew direttiva.*

(4) *Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta` arbitragg, il-qrati jistghu johorgu kull att kawtelatorju, f`liema kaz, jekk dik il-parti tkun ghadha ma ressqitx it-talba taghha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f`dan il-Kodici li fihom ghandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba ghandhom ikunu ta` ghoxrin jum mid-data tal-hrug tal-att kawtelatorju.*

Dwar l-**Art 742(3) tal-Kap 12**, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta` Mejju 1998 fil-kawza '**Camilleri vs Zammit noe'** qalet hekk:

*"... il-ligi (fl-**artikolu 742(3)** kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-qorti ta` kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta` arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-qrati civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta` tali ftehim ta` arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skont kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta` atti u mandati kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi. Dan ifisser illi d-**disposizzjoni 742(3)** ma kenitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta` klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-qrati civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika*. (ara wkoll – fejn rilevanti ghall-kaz tal-lum – "**Malta Shipyards Ltd. vs VPJ Ltd**" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Novembru 2012).

Dan premess, ghandu jinghad illi in linea generali il-qrati taghna qiesu bhala validi klawsoli inseriti f`kuntratti li jeskludu l-gurisdizzjoni taghhom a favur ta` proceduri arbitrali u dan in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet (Appell Kummercjali : **Vella vs Mamo noe** : 13 ta` Ottubru 1994 ; u PA/FS : **Grech vs Cutajar et** : 1 ta` Dicembru 2008 fost ohrajn). Cio` nonostante, anke qabel l-emendi tal-1995, il-qrati taghna hadu linja fis-sens illi ghalkemm jirrispettaw dawk il-klawsoli arbitrali, il-qrati kellhom gurisdizzjoni konkorrenti bid-dritt li tissindaka l-ezekuzzjoni tal-klawsoli arbitrali (Qorti tal-Appell : **Xuereb vs**

**Accountant General** : 28 ta` Frar 1997 ; u PA/GCD : **Cefai noe vs Valletta Freight Services Limited** fost ohrajn). Bl-emendi tal-1995, dak li fil-prattika kien isir mill-qrati taghna, sar ligi.

F'din il-kawza l-avukat difensur ta' l-attur ghamel referenza ghas-sentenza moghtija ricentement fit-8 ta' Novembru 2013 mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet '**Cobra Installations Limited (C-34330) vs Stephen Caruana'.**

F'din is-sentenza inghad li:

*"L-**Artikolu 15(3) tal-Kap.387** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jekk parti fi ftehim ta' arbitragg, jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha tal-parti, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti ohra fil-fethim ta' arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta' dik il-parti, dwar kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista' f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-procedimenti, u dik il-qorti jew l-imhallef taghha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu il-procedimenti[1]. Rikors jista' jsir minkejja l-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-arbitragg biss wara li jigu ezawriti proceduri ohra ta' rizoluzzjoni ta' kwistjonijiet.*

*Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li t-talba ghall-waqfien ta' proceduri istitwiti quddiem qorti ta' kompetenza civili minhabba l-ezistenza ta'*

[1] Sottolinear tal-Qorti.

*ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet kontendenti, ghandha ssir lill-Qorti permezz ta' Rikors qabel ma dik il-parti tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti. Tant il-Legislatur ried li l-parti li titlob il-waqfien tal-proceduri civili tressaq it-talba taghha quddiem il-Qorti qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew b'mod iehor tmexxi fil-procedimenti, li s-**subartikolu 8 ta' l-Artikolu 15 tal-Kap. 387** tal-Ligijiet ta' Malta – introdott bis-sahha ta' l-Att XXXI ta' l-2002 – jipprovdi li mal-prezentata ta' rikors biex jitwaqqfu l-procedimenti skond is-subartikolu (3), kull limitu ta' zmien ghall-prezentata ta' kull risposta ta' l-intimat jew twegiba ohra, kemm jekk titnissel mill-ligi jew minn ordni ta' xi qorti jew tribunal, jew xort'ohra, ghandu jigi interott u ghandu jerga' jibda jsehh mid-data li fiha r-rikorrent jigi notifikat bid-decizjoni tal-Qorti li tichad ir-rikors, u dan irrispettivament minn jekk isirx appell minn xi parti dwar din id-decizjoni"*[2].

Fil-kaz in ezami l-avukat difensur tas-socjeta' attrici isostni li l-konvenut kjarament ma segwiex il-procedura stabbilita fl-**Artikolu 15(3) tal-Kap.387** tal-Ligijiet ta' Malta izda, kuntrarjament ghal dak dispost fl-imsemmi artikolu tal-Ligi, una volta notifikat bir-Rikors promotur fid-9 ta'Awwissu 2013, ipproceda billi ressaq l-eccezzjonijiet tieghu – inkluza eccezzjoni fil-mertu – ghat-talbiet attrici b'risposta pprezentata fl-11 ta' Ottubru 2013. It-talba ghall-waqfien tal-proceduri odjerni minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejnu u s-socjetà attrici – ossia l-Klawsola 8 tal-ftehim dwar it-tour agency agreement – ma gietx imressqa mill-konvenut permezz ta' rikors izda fil-forma ta' eccezzjoni preliminari fir-risposta tieghu.

Ghalhekk ikkonkluda li fid-dawl ta' dak kjarament dispost fl-**Artikolu 15(3) tal-Kap. 387** tal-Ligijiet ta' Malta, u ulterjorment ikkonfermat fis-**subartikolu (8**) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, huwa tal-fehma li t-talba tal-konvenut ghall-waqfien

[2] Sottolinear tal-Qorti.

tal-proceduri odjerni minhabba l-ezistenza ta’ ftehim ta’ arbitragg bejnu u s-socjetà attrici, kif minnu promossa hija proceduralment inammissibbli u ghaldaqstant m’ghandhiex tigi milqugha.

L-avukat difensur tas-socjeta’ konvenuta minn naha tieghu sostna li tali disposizzjoni tal-ligi mhix mandatarja u l-Qorti ghandha tarbel hi a sua sponte l-argumenti migbura quddiemha qabel ma tiddeciedi li tastjeni milli tiehi konjizzjoni tal-kawza minhabba nuqqas ta’ gurisdizzjoni.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti kuntrarjament ghal dak deciz fis-sentenza fuq citata, il-fatt li s-socjeta’ konvenuta ma ghamlitx ir-rikors ma jippregudikax id-dritt taghha. L-eccezzjonijiet jinghataw permezz ta’ twegiba. Madankollu taht l-**Artikolu 15(3) tal-Kap. 387** is-socjeta’ konvenuta ghandha l-opportunita’ li qabel tipprezenta t-twegiba taghha, tipprezenta rikors biex il-Qorti tissoprasjedi minhabba l-klawsola arbitrali.

Ir-rikors m’huwiex mandatorju, tant li l-ligi tghid li l-parti fil-procediment *“....**tista’** f’kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procediment,.....”*. Il-kelma ***“tista”*** taghti lil din il-qorti x’tifhem li hi fid-diskrezzjoni tal-parti li trid tinvoka l-ftehim arbitrali, li tipprezenta rikors u titlob is-soprasessjoni. Jidher li l-ghan wara dan il-provvediment hu sabiex min ikun irid jinvoka l-ftehim arbitrali, f’dak l-istadju jkollu l-fakolta’ li ma joqghodx jipprezenta twegiba guramentata u jidhol fi spejjez zejda (Tant hu hekk li l-**Artikolu 15(8) tal-Kap. 387** jipprovdi li l-prezentata ta’ rikors ghal soprasessjoni ggib maghha is-sospensjoni tat-terminu ghall-prezentata tat-twegiba guramentata, sakemm tinghata decizjoni fuq it-talba). Dan iktar u iktar meta tqis li klawzola arbitrali ma teskludix il-gurisdizzjoni tal-qorti, izda taghti biss lok

biex il-qorti twaqqaf il-procediment (**Artikolu 742[3] tal-Kap. 12**). Minn qari tal-Artikolu 15 il-Qorti ma tistax tikkonkludi kif ghamlet l-Qorti fuq imsemmija li n-nuqqas li jigi prezentat rikors ifisser telfien ghad-dritt tal-konvenut li jinvoka klawzola arbitrali fit-twegiba guramentata, jew li qieghed jirrinunzja ghall-arbitragg (Ara sentenza **Joseph W. Micallef nomine vs Leo Grech et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino), fir-rigward ta' rinunzja ghall-arbitragg meta ma tigix sollevatta opposizzjoni).

Klawzola arbitrali hi parti mill-ftehim bejn il-partijiet, liema ftehim ghandu l-forza tal-ligi (vide artikolu 992 tal-Kodici Civili). Bhal rikors, it-twegiba/risposta hi wkoll att gudizzjarju. M'ghandux ikun li persuna li trid tinvoka klawzola arbitrali u ghalhekk trid li jigi onorat l-ftehim, tigi pregudikata ghaliex minflok ghamlet rikors u talbet is-soprasessjoni, ipprezentat risposta fejn invokat il-klawzola arbitrali u li ghandha twassal biex il-qorti tordna l-waqfien tal-proceduri quddiemha. Fil-fehma tal-Qorti, l-ispirtu tal-ligi m'huwiex li wiehed joqghod jintilef f'formalizmu bla bzonn, u l-ligi qeghda biss toffri alternattiva inqas ghalja.

M'hemmx dubju li l-mod kif inkitbet il-klawzola arbitrali m'huwiex wiehed felici. Hu fl-interess tal-partijiet li klawzoli li jirrelataw ghal *dispute resolution*, jinkitbu f'termini mhux ambigwi biex jigu evitati kwistjonijiet bla bzonn. Fi klawzola numru 8 insibu zewg provedimenti fejn f'kaz minnhom il-partijiet qed jissottomettu ruhhom ghal-gurisdizzjoni tac-Centru tal-Arbitragg (vide punt erbgha (4)) u f'mument iehor fuq punt iehor jissottometu ruhhom ghal gurisdizzjoni tal-Qorti (punt hamsa (5)).

Jinghad li skond il-punt erbgha (4) tal-klawsola numru 8, il-partijiet qed jissottomettu ruhhom ghal gurisdizzjoni tac-Centru ta' l-Arbitragg kull meta ikun hemm '*disputes as to interpretation of this Agreement*' filwaqt li jissottomettu

ruhhom ghal gurisdizzjoni tal-Qorti f'kaz li hemm bzonn li tittiehed '*legal action… to enforce this Agreement*.'

Illi m'hemmx dubbju li sabiex il-Qorti tara jekk it-talba attrici ghandhiex tigi milqugha u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha l-kreditu pretiz minnha, hija ghandha tifli il-ftehim fl-intier tieghu u dan sabiex tara wiehed mill-partijiet ma kienx qed jottempora ruhu mad-disposizzjoni tal-ftehim esebit fl-atti a fol 8 et seq. Naturalment it-talba tas-socjeta' attrici hija bazata fuq ir-relazzjoni guridika krejata bejn il-partijiet permezz ta' dan il-ftehim u ghalhekk jiskatta r-raba' punt tat-tmien klawsola (8) u cioe' '*all disputes as to the interpretation of the contract'* u konsegwentement il-partijiet xtaqu li din il-kwistjoni tigi deciza mic-Centru tal-Arbitragg.  Naturalment biex din il-Qorti tasal sabiex tghid li hemm 'breach of contract' trid l-ewwel tifli u taghti intepretazzjoni lil dan l-istess ftehim.  Huwa appuntu ghalhekk li din il-Qorti qalet aktar 'l fuq li l-kliem uzat bejn il-partijiet dwar guridizzjoni ma humiex wisq felici. Fil-fehma tal-Qorti dawn huma klawzoli konfliggenti, u ghalhekk il-klawzola arbitrali ghandha tigi nterpretata fis-sens li taghti ghazla lill-partijiet.

**Issa una volta s-socjeta' attrici iddecidiet li tipprezenta it-talba taghha quddiem din il-Qorti, din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddikjara li m'ghandhiex gurisdizzjoni u ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi michuda.**

**L-ispejjez huma rizervati ghall-gudizzju finali.**

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------